MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Numru. 18/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Johnny Sciberras**

Kaz Numru: 18/2013

Illum 29 ta' Mejju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Johnny Sciberras**, ta' tletin (30) sena, iben Joseph u Rosina neé Azzopardi, imwieled Rabat, Ghawdex, fit-13 ta' Mejju 1982, u residenti ta' "Joseph", Triq l-Avukat Anton Calleja, Kercem, Ghawdex, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 16782(G), akkuzat talli nhar is-17 ta' Mejju 2012,

ghall-habta ta’ 5.45 ta’ filghaxija, waqt li kien qieghed fir-raba’ li jinsab ma’ Triq ix-Xlendi, Munxar, Ghawdex, u/jew fil-vicinanzi:

1. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta’ Mario Vella, liema hsara teccedi aktar minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) izda li ma taqbizx l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69);
2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghall-persuna ta’ Mario Vella u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. J. Galea M.D. mill-Isptar Generali ta’ Ghawdex.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Mario Vella u terzi persuni sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta’ April 2013 (Dok. “C”) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-konsulent legali tal-kwerelant jiddikjara b’riferenza ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat li l-hsara ma teccediex l-ammont ta’ mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) pero tiskorri s-somma ta’ tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€ 23.29).

Semghet, fis-seduta tallum, lill-kwerelant jiddikjara li kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Rat li l-imputat ma xehedx u anqas ressaq ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, tillibera lill-imputat minnha, fuq nuqqas ta' provi, u, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------